MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Numru 17/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Adam Hasan Mohamed Khemis**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 17 tas-sena 2011 kontra l-akkuzat Adam Hasan Mohamed Khemis li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi senjatament bejn ix-xahar ta' Mejju u x-xahar ta' Lulju tas-sena elfejn u disa' (2009) Adam Hasan Mohammed Khemis waqt li kien fiċ-Ċentru Miftuh ta' Ħal-Far jew fi bnadi oħra f'Malta, bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ, għen, assista, ta' parir u ħabrek sabiex persuni f'Malta jagħmlu tentattiv sabiex joħorġu jew effettivament joħorġu minn Malta bi ksur tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ikkonġra ma' persuni oħrajn sabiex, bil-ħsieb li jagħmel qliegħ, jgħin u jassisti lil diversi persuni sabiex dawn iħabirku joħorġu,

jew jagħmlu tentattiv sabiex joħorġu, minn Malta, b'mod illegali.

Illi għall-ħabta tat-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u disa' (2009) ċerti Fusein (jew Hussein) Dansakou (numru tal-Pulizija 07F20), Issa Konare (numru tal-Pulizija 06FF17) u Ibrahim Kone (numru tal-Pulizija 07HHH26), Amadou Balde (numru tal-Pulizija 07KKK5) u oħrajn iddenunzjaw lill-Pulizija illi għall-ħabta tad-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u disa' (2009) kienu ġew avviċinati mill-akkużat Adam Hasan Mohammed Khemis fejn dan kien tahom parir u ħajjarhom biex joħorġu minn Malta b'mod illegali biex imorru fl-Italja. L-akkużat infurmahom kif setgħu jagħmlu dan u stqarr magħhom li huwa setgħa jgħinhom jagħmlu dan ukoll billi jħabirkilhom biex joħorġu minn Malta illegalment. L-akkużat qallhom li huwa kellu l-possibilita, il-kuntatti u l-arranġamenti kollha meħtieġa sabiex bl-intervent tiegħu u ta' persuni oħrajn, huma jkunu jistgħu joħorġu u jaħarbu minn Malta illegalment u jiġu mwasla l-Italja, matul u fis-satra tal-lejl sabiex isibu ħajja aħjar hemmhekk...

Meta l-akkużat Adam Hasan Mohammed Khemis ta' dan il-parir u għamel din il-proposta ta' għajnuna, assistenza u tħabrik sabiex dawn in-nies joħorġu minn Malta illegalment kien hemm bejn tmienja u ħmistax il-persuna jisimgħuh. Għal dan l-involviment tiegħu ta' parir, għajnuna, assistenza u tħabrik fl-arranġamenti kif ukoll għall-vjaġġ tagħhom minn Malta lejn l-Italja, l-akkużat eżiġa mingħand dawk il-persuni interessati il-ħlas tas-somma ta' tminn mija u ħamsin Ewro (€850) kull ras. Fil-fatt diversi minn dawk preżenti fosthom Fusain (jew Hussein) Dansakou, Monoido Shangare (numru tal-Pulizija 07LLL13), Amadou Balde u oħrajn aktar tard ħalsu lill-Adam Hasan Mohammed Khemis is-somma mitluba minnu ta' tminn mija u ħamsin ewro (€850) kull wieħed minnhom.

In eżekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub u propost, l-akkużat stqarr ukoll il-mod ta' kif dan l-istess pjan kellu jiġi mwettaq. Dan billi wara li jkun irċieva l-flus mingħandhom huwa kien sejjer jorganizza u jġib il-mezz ta' transport bl-

art (minivan abjad) li kellu jwassalhom matul il-lejl lejn post fejn kellu jkun hemm jistennihom mezz ta' transport bil-baħar (dgħajsa jew vapur) li permezz tiegħu kellhom joħorġu minn Malta u jiġu trasportati bil-baħar lejn l-Italja.

L-akkużat ħalla l-kuntatti telefoniċi tiegħu lill-Fusain (jew Hussein) Dansakou, filwaqt li Amadou Balde ta lill-Adam Hasan Mohammed Khemis in-numru tat-telefon ċellulari tiegħu sabiex ikun jista jiġi kuntattat fuqu. Fil-fatt aktar tard kien wasal ukoll minibus ta' kulur abjad, li kien misjuq minn persuna oħra (li ma kienetx Adam Hasan Mohammed Khemis) li fih rikbu wħud mill-persuni li kienu miftehmin mal-akkużat sabiex joħorġu barra minn Malta illegalment, (fosthom Monoido Shangare). Biss wara li dawn ġew misjuqa u daru dawra twila ma' Malta, reġgħu ittieħdu lura minn fejn telqu, ċioe ċ-Ċentru Miftuħ ta' Ħal Far għaliex ġew infurmati illi ma setgħux jidħlu fil-post fejn kien hemm il-vapur jistennihom.

Illi għalhekk b'għemilu l-imsemmi Adam Hasan Mohammed Khemis sar ħati talli, bil-ħsieb li jagħmel qliegħ, għen, assista, ta parir jew ħabrek biex persuni oħra jagħmlu tentattiv biex joħorġu jew joħorgu minn Malta bi ksur tal-Liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta sew barra minn Malta, ikkonġura f'dak is-sens ma' xi persuni oħra; b'dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu ta' aktar minn tlieta.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għal fatti, ċirkostanzi u raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, akkuża lill-Adam Hasan Mohammed Khemis ħati talli, fiċ-Ċentru Miftuh ta' Ħal Far jew fi bnadi oħra f'Malta, bejn ix-xahar ta' Mejju u x-xahar ta' Lulju tas-sena elfejn u disa' (2009) bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta sew barra minn Malta, ikkonġura f'dak is-sens ma' xi persuni oħra; b'dan li l-

persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu ta’ aktar minn tlieta;  talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużat u illi jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija minn sitt xhur sa’ tnax il-sena u għal multa ta’ tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew dik il-multa u priġunerija flimkien b’dan li d-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u dawk tal-Att dwar il-*Probation* ma jkunux japplikaw skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 337A, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b’seba` (7) voti favur u b’zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Adam Hasan Mohamed Khemis **mhux hati** ta’ l-unika Kap ta’ l-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara lil Adam Hasan Mohamed Khemis mhux hati tal-unika Kap tal-Att tal-Akkuza w minnu tilliberah u wara li rat l-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali tiddikjarah mehlus, u, jekk mhux detenut ghar-ragunijiet ohra, tordna li jigi liberat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------